MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 67/2006

**Tessie Cassar**

***Versus***

**Evelyn Psaila**

F'din il-kawża l-attriċi qiegħda titlob illi titħalla tieħu l-beni tal-wirt li jmiss lilha.

Ir-rikors li bih infetħet il-kawża jgħid illi fit-22 ta' Marzu 2003 miet Lewis John Cassar, li fit-testment tiegħu kien ħatar lill-attriċi bħala werrieta. B'dikriet numru 368/2004 il-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, kienet iddikjarat il-wirt miftuħ favur l-attriċi bħala werrieta waħdanija.

Il-mejjet *de cuius* kien ħalla kaxxa bi ħwejjeġ ta' valur li fid-9 t'Awissu 2003 kienet depożitata fil-fergħa ta' Saint Andrews ta' *HSBC Bank Malta p.l.c.* bin-numru 005714, u llum din il-kaxxa hija tar-rikorrenti bħala werrieta. Il-bank, iżda, qiegħed jitlob illi jkollu l-kunsens ta' ħut il-mejjet, li huma l-attriċi – Carmela *sive* Lina Ciarlò, u Evelyn Psaila

– sabiex jagħti l-kaxxa lill-attriċi. Carmela *sive* Lina Ciarlò tat il-kunsens tagħha bl-miktub iżda l-konvenuta ma tridx tagħti l-kunsens, u għalhekk kellha ssir din il-kawża biex l-attriċi titlob illi l-qorti tagħtiha s-setgħa li tieħu mingħand *HSBC Bank Malta p.l.c.* il-kaxxa fuq imsemmija minkejja n-nuqqas ta' kunsens tal-konvenuta. Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittra legali tat-8 t'Awissu 2005 u ta' l-ittra uffiċjali tal-25 t'Awissu 2005.

B'nota tal-11 t'April 2006 il-konvenuta ammettiet it-talbiet ta' l-attriċi.

Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża fuq ammissjoni tal-konvenuta, u tagħti lill-attriċi s-setgħa li tieħu mingħand *HSBC Bank Malta p.l.c.* il-kaxxa depożitata fid-9 t'Awissu 2003 bin-numru 005714. Tikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------